

III

(Atti preparatorji)

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

L-488 SESSJONI PLENARJA TAL-20 U L-21 TA' MARZU 2013

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Ir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni Ewropea: lejn sħubija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv"

COM(2012) 287 final

(2013/C 161/09)

Relatur: **is-Sur MALOSSE**

Nhar l-20 ta' Ġunju 2012, il-Kummissjoni ddeċidiet, b'konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Ir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni Ewropea: lejn sħubija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv

COM(2012) 287 final.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar l-4 ta' Marzu 2013.

Matul l-488 sessjoni plenarja tiegħu li saret fl-20 u l-21 ta' Marzu 2013 (seduta tal-20 ta' Marzu 2013), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'165 vot favur, 2 voti kontra u 6 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet — ir-reġjuni ultraperiferiċi bħala pjattaformi tal-Ewropa

1.1 Illum il-ġurnata, il-prijorità tal-UE fir-rigward tar-reġjuni ultraperiferiċi (minn issa 'l quddiem RUP) għandha tkun li ssaħħaħ ir-rabtiet li jgħaqqduhom mal-kontinent Ewropew u s-sentiment ta' appartenenza taċ-ċittadini tagħhom fil-proġett Ewropew. F'ċertu oqsma bħall-bijodiversità, l-osservazzjoni tal-pjaneta, l-enerġiji rinnovabbli u l-integrazzjoni tal-kulturi, ir-RUP jistgħu jaqdu r-rwol ta' laboratorju, żoni ta' esperimentazzjoni u saħansitra mudelli għall-Ewropa.

1.2 Ir-RUP għandhom ħafna x'joffru għall-ġejjieni tal-Ewropa, fost affarijiet oħra: it-talenti tan-nisa u l-irġiel tagħhom, il-produzzjoni agrikola, tas-sajd u industrijali tagħhom, it-turiżmu ta' kwalità tagħhom u l-qagħda ġeografika tagħhom bħala pjattaformi tal-Ewropa fil-viċinat tagħhom. Ir-RUP għandu jkollhom aċċess għall-vantaġġi kollha tas-suq intern bl-istess kundizzjonijiet bħall-bqija tar-reġjuni Ewropej.

1.3 Minkejja sitwazzjoni baġitarja estremament stretta, l-appoġġ speċifiku għar-RUP m'għandux jonqos. Dawn ir-reġjuni għandu jkollhom mezzi finanzjarji adatti sabiex ikunu jistgħu jilhqgħu l-għanijiet stabbiliti fl-Istrateġija Ewropa 2020 u jikkompensaw l-effetti tal-iżvantaġġi marbuta partikolarment mal-pożizzjoni mbiegħda tagħhom.

1.4 Għalkemm il-politika Ewropea favur ir-RUP kellha riżultati tajbin, hemm bżonn li l-kunċett tal-ultraperiferija jerġa' jingħata l-ħajja fuq il-bażi legali speċifika miġbura fit-TFUE u li din il-politika tingħata dimensjoni iktar strateġika u ambizzjuża. Għalhekk, ir-RUP ma jistgħux jibqgħu jiġu esklużi mill-politiki Ewropej relatati man-netwerks il-kbar, mar-riċerka, mal-mobbiltà u mal-osservazzjoni tal-pjaneta.

1.5 L-istrument POSEI għandu jiġi evalwat u estiż sabiex ikopri l-produzzjonijiet kollha, kemm agrikoli kif ukoll dawki li mhumiex, tar-RUP.

1.6 L-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn issa 'l quddiem, TFUE) għandu jiġi verament implimentat f'numru ta' politiki Ewropej, bħall-kompetizzjoni, is-swieg pubbliċi, is-sajd u l-ambjent, b'mod li jitqiesu r-realtajiet ġeografiċi u klimatiċi speċifiċi tar-RUP. L-eżitazzjoni attwali tal-Kummissjoni Ewropea f'dan ir-rigward fit li xejn tidher iġġustifikata fid-dawl tat-test tat-Trattat. Il-KESE jappella lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tipprepara u tippubblika analiżi tal-applikazzjoni tal-Artikolu 349.

1.7 L-impjeg u ż-żgħażaġh huma kwistjonijiet essenzjali għar-RUP. Id-dimensjoni soċjali għandha tkun waħda mill-prijoritajiet tal-politiki Ewropej għar-RUP. Għalhekk, jeħtieġ li dan l-aspett ċentrali jiġi żviluppat b'mod effettiv billi jittieħdu miżuri għal perjodu qasir, medju u twil ta' żmien bis-saħħa tal-programmi ta' appoġġ għall-edukazzjoni u t-taħriġ adattati għall-ħtiġiet tad-dinja tax-xogħol f'dawn ir-reġjuni minn naħa u l-appoġġ għall-attivitatijiet tal-ħolqien tal-impjegi u l-benesseri min-naħa l-oħra.

1.8 L-Ewropa tista' ttejjeb il-kompetittività tagħha wkoll billi timplimenta xi programmi fir-RUP, pereżempju fl-oqsma tal-enerġija rinnovabbli, ix-xjenzi marittimi, l-istudji tal-bijodiversità, il-forestrija, is-saħħa u l-ġlieda kontra l-mard tropikali.

1.9 Huwa ċar li hemm bżonn titjeb l-integrazzjoni tar-RUP fl-ambjent ġeografiku tagħhom. Bosta eżempji juru li l-Kummissjoni Ewropea tinsab f'diffikultà globali biex tifhem ir-rwol strateġiku tal-pjattaforma Ewropea tar-RUP fil-qafas tal-politiki esterni tal-UE, b'mod partikolari fl-oqsma kummerċjali, il-politika tas-sajd u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp. Hemm bżonn li l-Kummissjoni Ewropea tagħti appoġġ deċiżiv, iktar viżibbli u iktar attiv lill-kooperazzjoni reġjonali.

1.10 L-involviment tas-soċjetà ċivili fl-istrateġija tal-UE għandu jkun aktar minn sempliċiment slogan. Il-KESE jipproponi li jiġu organizzati round tables, fejn jiġu involuti l-atturi tas-soċjetà ċivili f'kull RUP fit-tħejija tal-"Pjani ta' Azzjoni" li jstabbilixxu l-għanijiet u l-passi tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020. Il-KESE jipproponi li dan il-proċess jtnieda fi sħubija mal-Konferenza tal-Presidenti tar-RUP u mal-Kunsilli Ekonomiċi u Soċjali tagħhom.

1.11 Barra minn hekk, il-KESE jappoġġja l-organizzazzjoni ta' djalogu strutturat bejn is-soċjetajiet ċivili tar-RUP u daww tal-pajjiżi ġirien rispettivi (l-Amerika Latina, l-Oċean Atlantiku, il-Karibew, l-Oċean Indjan). Dan jitlob b'mod partikolari l-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tar-RUP fid-djalogu tal-Kummissjoni Ewropea fil-qafas tal-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika. Il-KESE jappoġġja l-ħolqien ta' kunitati ta' segwitu mas-soċjetà ċivili fil-kuntest tal-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika kollha u jappella sabiex ir-RUP jieħdu sehem fil-kunitati li jikkonċernawhom.

1.12 Il-KESE jipproponi li jinħolqu uffiċċji tal-UE f'kull RUP b'mod li r-rabtiet bejn l-UE u dawn ir-reġjuni jsiru iktar tanġibbli, viżibbli u diretti.

2. Introduzzjoni u kummenti ġenerali

2.1 L-Artikoli 349 u 355 tat-TFUE jiddefinixxu u jirrikonnoxxu n-natura speċifika tar-reġjuni ultraperiferiċi. Barra minn hekk fl-1989 bdew jibbenefikaw minn programm speċifiku li għandu l-għan li jappoġġja miżuri soċjoekonomiċi li jimmiraw għal konverġenza mtejba bejn dawn ir-reġjuni u l-bqija tal-UE.

2.2 Ir-RUP jestendu b'mod sinifikanti t-territorju u l-preżenza ġeografika tal-UE fid-dinja. B'hekk jestendu wkoll l-influenza politika, ekonomika u kulturali tal-Ewropa u jżidu żoni kbar ta' sajd fl-Oċean Atlantiku u l-Oċean Indjan. Dan ir-rwol ta' pjattaformi tal-Ewropa għandu jiġi valorizzat aħjar billi r-RUP jitpoġġew fin-netwerks trans-Ewropej (bħat-TEN-T, in-netwerks diġitali) u jingħataw aċċess privileġġjat għall-programmi Ewropej tal-osservazzjoni tal-pjaneta (GMES, GALILEO) u għall-programmi Ewropej tar-riċerka dwar l-enerġija rinnovabbli u dwar il-bijodiversità. Ir-RUP għandhom jiġu valorizzati wkoll, permezz ta' programmi differenti ta' mobbiltà u kooperazzjoni, bħala strumenti tat-tixrid tal-influenza Ewropea fid-dinja. Il-preżenza tar-rappreżentanti speċjali tal-UE f'dawn ir-reġjuni, ġustifikata mill-pożizzjoni mbiegħda tagħhom, ser tkun ukoll sinjal politiku u strument effettiv għall-promozzjoni ta' dan ir-rwol ta' pjattaformi.

2.3 Il-KESE min-naħa tiegħu ilu iktar minn 20 sena jappoġġja l-isforzi tas-soċjetajiet ċivili tar-RUP sabiex joqorbu lejn l-UE, jingħataw iktar widen u jiġi kkonsultati iktar. F'dan ir-rigward jeħtieġ li jiġu enfasizzati b'mod partikolari l-effetti tal-politika kummerċjali tagħha li jistgħu jkunu negattivi għar-RUP, b'mod partikolari permezz tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles u Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika mal-pajjiżi ġirien tar-RUP⁽¹⁾. B'dispaċir ninnutaw li l-Kummissjoni Ewropea tinjora din il-kwistjoni fil-Komunikazzjoni tagħha u ma laqgħetx ir-rakkomandazzjonijiet li saru fl-Opinjoni tal-KESE tas-17 ta' Frar 2010 (relatur: is-Sur Coupeau)⁽²⁾, b'mod partikolari fir-rigward tal-miżuri ta' appoġġ.

(1) Opinjoni tal-KESE dwar l-impatt tal-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika fuq ir-reġjuni ultraperiferiċi (ir-reġjun tal-Karibew), ĠU C 347, 18.12.2010, p. 28.

(2) Dawn ir-rakkomandazzjonijiet saru wkoll f'xogħlijiet oħra pereżempju: l-istudju tal-Kummissjoni Ewropea "Growth Factors in the Outermost Regions" (Fatturi tat-Tkabbir fir-RUP), ta' Ismeri Ewropa – mhux disponibbli bil-Malti; ir-Rapport li talab il-Kummissarju Ewropew għas-Suq Intern, is-Sur Michel Barnier dwar "Europe's outermost regions and the single market: The EU's influence in the world" (Ir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Ewropa u s-suq uniku: l-influenza tal-UE fid-dinja), tas-Sur Pedro Solbes Mira – mhux disponibbli bil-Malti; l-istudju tal-Kummissjoni Ewropea "Demographic and migration trends in the outermost regions: impact on economic, social and territorial cohesion" (Tendenzi demografiċi u migratorji fir-reġjuni ultraperiferiċi: l-impatt fuq il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali) tal-INED – mhux disponibbli bil-Malti; ir-Rapport tal-Parlament Ewropew tas-Sur Nuno Teixeira – Kummissjoni REGI dwar "Ir-rwol tal-politika ta' koeżjoni fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni Ewropea fil-kuntest tal-Istrateġija UE 2020"; l-istudju tal-Parlament Ewropew dwar "The role of regional policy in addressing the effects of climate change in outermost regions" (Ir-rwol tal-politika reġjonali sabiex tindirizza l-effetti tat-tibdil fil-klima fir-reġjuni ultraperiferiċi) – mhux disponibbli bil-Malti.

2.4 Nuqqas ieħor ta' din il-Komunikazzjoni hu li ma tindirizzax il-konsegwenzi tal-fatt politiku ċentrali li r-RUP huma parti mill-Unjoni Ewropea. Is-seduta li saret f'Réunion uriet l-impenn tas-soċjetà ċivili lejn il-kostruzzjoni Ewropea u li dan l-impenn qatt ma ġie ddubitat. Fil-fehma tal-KESE, l-istrateġija tal-UE fir-rigward tar-RUP għandha tiffoka fuq li ttejjeb l-integrazzjoni tagħhom fl-Ewropa kollha b'kunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni tagħhom.

3. Kwistjonijiet speċifiċi

3.1 Is-semplifikazzjoni u r-rapidità tal-proċeduri tal-għażla u l-allokazzjoni tal-fondi saru b'zonn urġenti fl-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni. Ħafna drabi id-dewmien eċċessiv huwa l-ewwel nett it-tort tal-UE u l-awtoritajiet nazzjonali. Dawn jitfgħu dawl ikrah fuq il-kredibbiltà tal-UE u dan għandu jiġi indirizzat malajr qabel ma jiġu kkunsidrati l-perspettivi finanzjarji tal-ġejjieni.

3.2 Kundizzjoni essenzjali oħra għall-programmi futuri tal-UE hija li tiġi żgurata viżibbiltà u konċentrazzjoni aħjar tal-għajnuna Ewropea. It-tqassim attwali f'ammonti żgħar ħafna huwa wkoll fattur ta' ineffikaċja u sors ta' kritika. Kif tesprimi l-Opinjoni tas-Sur Coupeau, il-KESE jirrakkomanda li f'dan l-istadju nikkonċentraw fuq tliet prijoritajiet fundamentali. L-ewwel prijorità hi l-edukazzjoni u t-taħriġ, li jsaħħu l-impjegabbiltà prinċipalment taż-żgħażaġh, inkluż l-appoġġ fil-forma ta' infrastruttura bażika, billi r-rikkezza prinċipali ta' dawn it-territorji ġejja mit-talent u l-ispirtu intraprenditorjali tan-nisa u l-irġiel li jgħixu hemmhekk. It-tieni prijorità hija l-appoġġ għas-settur privat fir-rwol tiegħu li joħloq il-benesseri u l-impjiegi: l-intrapriżi u l-industriji ż-żgħar u ta' daqs medju, it-turiżmu, is-servizzi lill-fatturi tal-produzzjoni, l-agrikoltura, il-forestrija u s-sajd. It-tielet prijorità hija l-investimenti fin-netwerks il-kbar (ICT, trasport, skart, ilma, enerġija, eċċ.) sabiex iċ-ċittadini jkollhom garanzija ta' aċċess ġust għas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali li jikkontribwixxu għall-kompetittività tat-territorji.

3.3 Il-kwistjoni tal-iżvilupp sostenibbli hija waħda ċentrali iżda għandha tiġi estiża sabiex tkopri fatturi oħra apparti l-ambjent. Pereżempju fil-qasam tat-turiżmu, l-iżvilupp sostenibbli jinkludi r-rispett tal-identitajiet lokali, l-għarfien reġjonali, il-ħarsien tal-istili ta' ħajja tradizzjonali, il-lingwa jew il-prodotti tipiċi tal-post. Il-kwistjoni tal-aċċess għal kulħadd, it-tibdil demografiku u l-ġestjoni tad-dipendenza huma partikolarment importanti għar-RUP, li ma ġewx indirizzati biżżejjed mill-Kummissjoni Ewropea fil-Komunikazzjoni tagħha.

3.4 Il-KESE jhegġegħ lill-Kummissjoni tistudja l-possibbiltà li tinkludi d-dimensjoni tar-RUP fir-regoli dwar l-akkwist pubbliku. Il-kundizzjonijiet partikolari tar-RUP jiġġustifikaw li jitqies mhux biss l-impjeg lokali iżda wkoll li jiġu evitati kemm id-dumping soċjali mill-pajjiżi ġirien b'paċi iktar baxxi kif ukoll

il-prattiki aggressivi ta' prezzijiet baxxi minn xi atturi ekonomiċi li l-ewwel jeliminaw il-kompetizzjoni lokali kollha u mbagħad jipprattikaw politika ta' monopolju bi prezzijiet oġhla.

3.5 Fir-rigward tar-relazzjonijiet mal-pajjiżi terzi ġirien, il-KESE jiddispijaċih li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ma tindikax viżjoni ċara bħal dik proposta fl-Opinjoni tas-Sur Coupeau. Il-KESE jinsisti fuq l-importanza tal-azzjonijiet ta' kooperazzjoni bejn ir-RUP u l-pajjiżi ġirien, b'mod partikolari l-AKP, fil-forma ta' proġetti konġunti ta' kooperazzjoni li jużaw il-fondi tal-FEŻ-FEŻR-FSE-FAEŻR-FEMS. Saru diversi studji f'dan il-qasam iżda b'riżultat tan-nuqqas ta' regoli operattivi ġew implimentati f'it proġetti konkreti ta' kooperazzjoni. Madanakollu jeżistu bosta possibbiltajiet ta' kooperazzjoni fl-oqsma tat-trasport, it-turiżmu, l-edukazzjoni, is-saħħa, is-sajd u l-agrikoltura, ir-riċerka u l-iżvilupp u l-protezzjoni tal-ambjent. Fl-istess waqt il-mistoqsija dwar il-politika kummerċjali tal-UE għadha mingħajr tweġiba. Il-ftehimiet ta' kummerċ ħieles attwali jew prospettivi u l-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika huma theddida reali għall-ekonomija fraġli ta' ċerti RUP. Jekk ma jitqisux l-interessi reali tar-RUP fil-politika kummerċjali tal-UE, l-abbozz tal-istrateġija tal-UE favur ir-RUP jitlef kull sens.

3.6 Hija ħasra li din il-Komunikazzjoni ma tantx tagħti attenzjoni lill-ħolqien ta' sħubija mas-soċjetà ċivili tar-RUP sabiex tiġi stabbilita konsultazzjoni strutturata mas-soċjetà ċivili dwar l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ta' koeżjoni u l-iżvilupp ta' proġetti li jippermettu t-tisħiħ tas-sens ta' identità Ewropea tar-residenti permezz ta' kampanji ta' informazzjoni, iċ-ċittadinanza Ewropea u l-programmi ta' mobbiltà. Il-KESE jirreferi għall-Opinjoni tiegħu dwar il-Kodiċi tal-Kondotta Ewropea dwar is-Sħubija ⁽³⁾.

4. Proposti għall-futur

4.1 Il-programm POSEI (Programm ta' soluzzjonijiet speċifiċi biex jilqgħu għall-bogħod u l-insularità).

4.1.1 Għandha ssir valutazzjoni bir-reqqa tal-implimentazzjoni ta' dan il-programm. Flimkien mar-riżorsi sostanzjali li jalloka l-Programm ta' Soluzzjonijiet Speċifiċi biex jilqgħu għall-bogħod u l-Insularità (POSEI) lil żewġ produzzjonijiet tar-RUP (iz-zokkor u l-banana) għandhom jiġu kkunsidrati wkoll bosta produzzjonijiet lokali oħra li tista' tiġi promossa l-esportazzjoni tagħhom (vanilla, frott u ħaxix, prodotti tas-sajd, eċċ.).

4.1.2 L-allokazzjoni tal-programmi POSEI agrikoli għandha tinżamm u saħansitra tiżdied, sabiex ikun jista' jtkompla l-iżvilupp kemm tal-produzzjonijiet tal-esportazzjoni kif ukoll ta' dawk maħsuba għas-suq lokali filwaqt li tiġi garantita wkoll il-provvista ta' materja prima u prodotti bażiċi.

⁽³⁾ ĠU C 44, 15.2.2013, p. 23.

4.2 Il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali

4.2.1 Il-KESE jilqa' l-fatt li l-Kunsill Ewropew għadu jagħti trattament speċifiku għar-RUP sabiex jibbenefikaw bl-aħjar mod mill-fondi disponibbli, billi ppropona rata ta' konfinanzjament ta' 85 %, irrispettivament mil-livell tad-dħul tagħhom. Il-KESE jiddispjaċih li r-rata ta' konfinanzjament għall-allokkazzjoni speċifika intiża biex tikkumpensa l-ispejjeż addizzjonali li jirriżultaw mill-ultraperiferija baqgħet ta' 50 %, u jipproponi li l-Kummissjoni taġixxi b'biżżejjed flessibilità biex tiggarantixxi l-effettività sħiħa tagħha.

4.2.2 Fl-aħħar nett, il-KESE huwa mħasseb għaliex il-proposti tal-Kummissjoni Ewropea rigward il-kooperazzjoni territorjali ma jagħtux tweġibiet konkreti b'rabta mal-inklużjoni reġjonali tar-RUP.

4.3 Il-programmi ta' mobbiltà: hemm bżonn li l-UE tiggarantixxi li ċ-ċittadini tar-RUP ikollhom aċċess ugwali għal dan it-tip ta' programmi sew dwar l-impjieg u sew dwar l-istudju. Mhix aċċettabbli, pereżempju, il-kontradizzjoni li teżisti bejn il-volontà li nippermettu liż-żgħażaġh u lill-istudenti universitarji tar-RUP li jibbenefikaw b'mod sħiħ mill-programmi ta' mobbiltà tal-UE bħall-“ERASMUS għal kulħadd” filwaqt li tiġi injorata l-pożizzjoni ġeografika tagħhom u ma jitħallsux l-ispejjeż tat-trasport marbutin mal-pożizzjoni mbiegħda kemm għall-istudenti li jżuru r-RUP kif ukoll dawk li jivvjaġġaw lejn pajjiż ieħor tal-UE.

4.3.1 Paradoss ieħor tal-programm “ERASMUS għal kulħadd” huwa li lanqas ma jikkunsidra l-pajjiżi terzi tal-UE li huma ġirien tar-RUP. Huwa importanti li neqirdu dawn il-paradossi. ERASMUS MUNDUS speċifiku għar-RUP għandu jippermetti li jiġu organizzati skambji taż-żgħażaġh fil-pajjiżi ġirien u b'hekk jiżgura l-promozzjoni tal-identità u l-kultura Ewropea permezz ta' dawn il-pjattaformi Ewropej.

4.4 L-aċċessibilità

4.4.1 Il-KESE, flimkien mal-Parlament Ewropew, jappoġġja l-ħtieġa li jiġi stabbilit qafas ad hoc tat-trasport u l-ICT sabiex ir-RUP isolvu l-problema tad-diskontinwità territorjali u d-distakk diġitali.

4.5 L-inklużjoni reġjonali

4.5.1 Ir-RUP għandhom ikunu awtomatikament eliġibbli għall-kooperazzjoni transkonfinali minkejja l-kriterju li l-fruntieri marittimi m'għandhomx ikunu iktar minn 150 km 'l bogħod.

4.5.2 L-inklużjoni reġjonali effettiva tar-RUP tirrikjedi l-adozzjoni ta' miżuri li jtejbju l-konnettività ta' dawn ir-reġjuni mal-pajjiżi terzi ta' madwarhom u li jippromovu l-internazzjonalizzazzjoni indispensabbli tal-SMEs tagħhom.

4.5.3 Hemm bżonn li l-Unjoni Ewropea twestaq valutazzjonijiet tal-impatt fil-qafas tal-konklużjoni tal-ftehimiet kummerċjali jew tas-sajd bejn l-UE u l-pajjiżi ġirien tar-RUP u għandha żżomm lill-awtoritajiet politiċi u lis-soċjetà ċivili tar-RUP infurmati dwar in-negozjati, waqt li tinvolvihom fil-kwistjonijiet li jolqtuhom direttament.

4.5.4 L-oqsma professjonali u legali tar-RUP urew interess anke fil-kwistjoni tas-sigurtà tal-investimenti fl-ambjent ġeografiku tagħhom. Il-KESE jappoġġja f'dan ir-rigward il-ħolqien ta' Assoċjazzjoni tal-Avukati tar-RUP kif ukoll kwalunkwe inizzjattiva oħra bħal din bħaċ-Ċentru Atlantiku tal-Arbitraġġ u oħrajn.

4.5.5 L-integrazzjoni reġjonali tippermetti l-ekonomiji tal-iskala f'diversi oqsma (tat-trasport, it-trattament tal-iskart, eċċ.), sakemm l-UE turi b'mod iktar ċar il-volontà tagħha li r-RUP tagħmilhom pjattaformi tal-Ewropa.

4.6 L-ghajjnuna għall-intrapriżi

4.6.1 L-Artikolu 107(3)(a) tat-TFUE jirrappreżenta progress kunċettwali ġenwin billi jippermetti lill-Kummissjoni tqis is-sitwazzjoni ekonomika differenti fir-RUP fil-qafas tal-ghajjnuna mill-Istat għar-reġjuni kif ukoll in-nuqqasijiet fir-rigward tal-ghajjnuna mill-Istat għal għanijiet oħra (riċerka, innovazzjoni, trasport, ambjent, eċċ.). Il-KESE jenfasizza l-paradoss li jeżisti lllum bejn il-prijoritajiet tal-Istrateġija Ewropa 2020 u n-nuqqasijiet fil-kompetizzjoni għall-ghajjnuna mill-Istat għar-riċerka/l-innovazzjoni jew fl-ambjent fir-RUP. Fil-perjodu li jmiss jeħtieġ li dawn il-kontradizzjonijiet jiġu kkoreġuti.

4.6.2 Issa li qed issir reviżjoni tal-qafas Ewropew tal-ghajjnuna mill-Istat, ir-RUP jinsabu inkwetati dwar jekk hux ser jinżamm il-qafas attwali. Huma jitolbu li jinżamm l-iktar trattament favorevoli possibbli, li jkun hemm koerenza fit-trattament tal-ghajjnuna għal kull tip ta' għan (ghajjnuna għall-investment fl-intapriżi b'ammonti akbar ta' ghajjnuna, ghajjnuna għat-tħaddim li ma tonqosx gradwalment u mhix limitata għal perjodu ta' żmien sabiex tikkumpensa għall-ispejjeż addizzjonali assoċjati man-natura ultraperiferika, b'konformità mal-Artikolu 349 tat-TFUE) u li jinsabu proċeduri sempliċi u flessibbli.

4.6.3 Ir-RUP għandhom bżonn konsiderevoli ta' impjieg sabiex itemmu il-qgħad strutturali li laqat lil-livelli kollha tal-popolazzjoni. L-intrapriżi tagħhom huma intrapriżi żgħar u ta' daqs medju li joperaw spiss fi swieq ġeografiċi limitati; dawn il-karatteristiċi huma għalhekk differenti ħafna minn dawk tal-Ewropa kontinentali. Importanti li bħal fil-qafas tal-perjodu 2007-2013, tinżamm il-possibilità li l-ghajjnuna għall-intrapriżi tkun tista' tingħata lil kull tip ta' intrapriża.

4.6.4 L-ammont ta' ghajjnuna għall-investment fir-RUP jidher li baqa' l-istess bħal tal-perjodu 2007-2013 waqt li jinżamm l-limiti u l-prinċipju ta' bonus għar-RUP għall-futur. Il-KESE

jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-kummerċ fil-Komunità baqa' l-istess b'mod partikolari minħabba li s-swieq tar-RUP ftit li xejn jigbedu investimenti esterni. Għalhekk il-KESE jappella li tkompli tiġi awtorizzata l-għajnuna għat-tħaddim li ma tonqosx gradwalment u mhix limitata għal perjodu ta' żmien.

4.6.5 L-appoġġ pubbliku, inkluż l-appoġġ Ewropew, u l-investment tal-intrapriżi tar-RUP fl-innovazzjoni, fl-aġenda diġitali kif ukoll fit-tiftix ta' sħubijiet fl-ambjent ġeografiku tagħhom għandu jitqies bħala prijorità.

4.6.6 Minħabba l-istruttura speċifika tar-RUP, is-settur huwa magħmul kważi esklużivament minn intrapriżi żgħar ħafna. Lkun utli li fl-istrateġija tagħha l-Kummissjoni tenfasizza l-implimentazzjoni effettiva tas-“Small Business Act” għall-Ewropa u l-applikazzjoni tal-prinċipju “Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir”, b'mod partikolari f'termini ta' proċeduri u monitoraġġ. Ir-regoli tal-kompetizzjoni fir-RUP għandhom jiġu monitorjati b'attenzjoni sabiex jitħarsu l-interessi tal-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju.

4.7 L-enerġija

4.7.1 Minħabba s-sitwazzjoni ġeografika tagħhom, ir-RUP huma vulnerabbli ħafna u jridu jsoġġu l-isfida tal-enerġija b'mod differenti mill-Ewropa kontinentali. L-UE għandha tgħin lir-RUP sabiex jiżguraw il-provvista tal-enerġija f'ambjenti u kundizzjonijiet kumplessi, li jgħollu l-prezzijiet b'mod konsiderevoli u jillimitaw il-kompetittività.

4.7.2 Huwa importanti li l-RUP jsibu u jisfruttaw ir-riżorsi tagħhom tal-enerġija, kemm permezz tal-enerġiji li ġejjin miż-żejt jew mill-gass, kif ukoll permezz tal-enerġiji b'livelli baxxi ta' karbonju, bħal dik li ġeja mir-riħ, mis-sħana, mix-xemx, mill-ilma u mill-baħar (mareat, mewġ, kurrenti, termali).

4.7.3 Il-KESE jipproponi li f'dawn ir-reġjuni tingħata spinta lir-riċerka fl-enerġija rinnovabbli, u li permezz tal-istrumenti finanzjarji tal-UE tingħata għajnuna lill-proġetti tal-enerġija fir-RUP fid-dawl tan-natura speċifika tagħhom.

4.8 L-agrikoltura

4.8.1 Huwa ċar li l-agrikoltura hija importanti ħafna fir-RUP. Hija toħloq ix-xogħol, sens ta' influwenza u tħares l-ambjent u l-istili ta' ħajja tradizzjonali. Barra z-zokkor u l-banana, l-UE għandha tkompli taħdem favur id-diversifikazzjoni u l-awtosuffiċjenza fil-qasam tal-ikel tar-RUP. Hemm bżonn ukoll li jinżamm il-bilanċ attwali bejn il-produzzjonijiet agrikoli maħsubin għall-esportazzjoni u l-produzzjonijiet agrikoli maħsubin għall-provvista tas-swieq lokali.

4.8.2 L-għajnuna Ewropea, permezz tal-proċeduri involuti, xi drabi tiffavorixxi l-istrutturi l-kbar jew l-użu tal-intermedjarji. Jeħtieġ li din it-tendenza tiġi eliminata għax din twarrab l-interess tal-produtturi indipendenti ż-żgħar li huma maġġoranza kbira fir-RUP. Barra minn hekk, l-għajnuna mill-Ewropa għandha sservi biex jittejjbu t-tħaddim tal-katina tal-ikel u l-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tal-bdiewa u l-organizzazzjonijiet tagħhom.

4.9 Is-sajd

4.9.1 Il-KESE jilqa' l-pożizzjoni tal-Kummissjoni li għandha l-għan li tiżgura li t-tehdid tad-deċiżjonijiet f'dan il-qasam ikollu natura aktar reġjonali, b'enfasi fuq iż-żoni reġjonali marittimi waqt li jitqiesu l-istokkijiet lokali u jiġi stabbilit kunsill konsultattiv għar-RUP. Jeħtieġ li l-organizzazzjoni ta' dan il-kunsill konsultattiv issir skont il-baċiri tar-RUP billi jeżistu differenzi kbar bejn is-sajd tar-RUP, sabiex b'hekk ikunu qed jitqiesu aħjar il-kuntesti speċifiċi differenti.

4.9.2 Il-proposta għal riforma tal-politika tas-sajd ma tindirizzax is-sitwazzjoni tar-RUP b'mod sodisfaċenti, pereżempju b'mod partikolari fir-rigward tal-għajnuna lill-flotta (il-kostruzzjoni/ix-xiri u l-modernizzazzjoni, il-ġestjoni tal-isforz tas-sajd, l-impatt fuq ir-RUP tal-ftehimiet relatati mas-sajd bejn l-UE u l-pajjiżi terzi) u n-nuqqas ta' żviluppi relatati mal-POSEI tas-sajd, li jirrikjedu reviżjoni kunċettwali tal-kontenut kif qed isir fl-iskema attwali tal-POSEI tal-agrikoltura. Il-Kumitat jerġa' jiġbed l-attenzjoni wkoll lejn l-ideat żvillupati fl-Opinjoni fuq inizjattiva proprja tiegħu “L-iżvilupp ta' żoni reġjonali għall-ġestjoni ta' stokkijiet tal-ħut u għall-kontroll tas-sajd”, tas-27 ta' Ottubru 2011 (relatur: is-Sur Burns).

4.10 Il-forestrija

4.10.1 Il-potenzjal għat-tkabbir sostenibbli ta' injam iebes speċjali tropikali u sottotropikali huwa opportunità li għandha titqies fir-reġjuni ultraperiferiċi u fil-pajjiżi u t-territorji ekstra-Ewropej. Ir-rabtiet speċjali tagħhom mal-Ewropa jiggarrantix-xulhom aċċess dirett minħabba l-kapaċità tagħhom li jipprovdu injam iċċertifikat li huwa konformi mar-regoli kollha ta' ċertifikazzjoni tal-**Kunsill Dispensier tal-Foresti (Forest Stewardship Council - FSC)**.

4.10.2 L-injam għall-proġetti speċjali ta' restawr ta' bini storiku jirrappreżenta suq speċjali li għandu jitqies, peress li ħafna mit-tipi oriġinali ta' injam jinsabu mhedda li jiġu estinti u għalhekk huma diffiċli li jiġu akkwistati b'mod legali. Il-kawba, l-ipe, il-virola, il-padauk, il-greenheart, ir-ramin, l-apidong jew il-wenge huma biss ftit mill-injam meħtieġ għall-proġetti ta' restawr.

4.10.3 Apparti l-injam, il-foresti tropikali u sottotropikali jipprovdu l-ambjent ideali sabiex jitkabbru pjanti rari għall-użu fil-mediċina u l-kosmetika. L-injam mill-forestrija tropikali u sottotropikali mhux soluzzjoni ta' profitt immedjat, iżda fuq perjodu fit-tul joffri opportunità għal dawn ir-reġjuni sabiex jikkapitalizzaw mis-swieq li jħallu profitti kbar li jeħtieġu aċċess għal dan l-injam u dawn il-pjanti rari.

4.11 *Ir-riċerka u l-iżvilupp tagħha*

4.11.1 Il-KESE huwa favur li jinżamm il-programm Ewropew favur l-ambjent kif ukoll il-pjan ta' azzjoni għall-bijodiversità (80 % tal-potenzjal Ewropew jinsab fir-RUP) u jemmen li fil-programmi futuri tal-Istrateġija Ewropa 2020 il-potenzjal tar-RUP għandu jiġi kkunsidrat iktar, b'mod partikolari frabta mal-enerġiji rinnovabbli, l-iżvilupp sostenibbli u x-xjenzi marittimi.

4.11.2 Il-Kummissjoni Ewropea mhux qed tiżviluppa l-potenzjal tar-RUP biżżejjed f'dan ir-rigward.

4.11.3 Il-KESE jappoġġja l-idea li jinħolqu netwerks Ewropej ta' clusters dwar it-temi li jinkludu r-RUP.

4.12 *It-tiżniħ tad-dimensjoni soċjali tal-iżvilupp tar-RUP*

4.12.1 Il-KESE jinsab kuntent li l-Kummissjoni tiffoka fuq id-dimensjoni soċjali tal-mudell Ewropew fil-qafas tal-Istrateġija Ewropa 2020. Din ma tistax tkun biss kwistjoni ta' rieda tajba iżda għandha tiegħu l-forma ta' impenji konkreti. L-ebda ċittadin Ewropew m'għandu jiġi eskluż u jitħalla barra mill-proċess tal-iżvilupp. Din hija s-solidarjetà Ewropea fil-veru sens tagħha. Il-KESE japprova l-proposta tal-President tar-reġjun tal-Gżejjer Kanarji dwar il-ħolqien ta' pjan ta' emerġenza fil-għieda kontra l-qgħad tal-massa li qed ikompli jżdzied b'rapidità kbira.

4.12.2 Barra mill-implimentazzjoni tal-prijoritajiet strateġiċi, il-KESE jenfasizza:

4.12.2.1 il-bżonnijiet essenzjali bażiċi: l-ilma għal kulħadd (l-individwi u l-ekonomija), l-enerġija sostenibbli, it-trattament tal-ilma mormi u l-eliminazzjoni tal-iskart huma kwistjonijiet li għandhom impatt kbir fuq dawn it-territorji. F'dan ir-rigward, il-Komunikazzjoni ma tenfasizzax biżżejjed il-bżonn li s-servizzi tan-netwerk fir-RUP jitħaddmu tajjeb.

4.12.2.2 l-importanza ta' strateġija Ewropea tat-turiżmu, li hija fattur essenzjali għar-RUP u għandha tinkludi l-iżvilupp sostenibbli u r-rispett tal-identità bħala pilastri fundamentali tal-iżvilupp ta' dan is-settur sabiex jiġu evitati l-omoġenizzazzjoni kulturali u l-kisi bil-konkrit taż-żoni marittimi. F'dan il-kuntest, il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-Tkabbir Blu u l-Opinjoni li qed jipprepara bħalissa l-Kumitat ⁽⁴⁾.

4.12.2.3 l-istrateġija tal-Kummissjoni għandha tagħti iktar attenzjoni lid-dimensjoni kulturali. F'dan ir-rigward, ir-RUP huma sors ta' rikkezza kbira għall-UE. Għalhekk il-KESE jappella li l-qasam tal-kultura għandu jissaħħa sostanzjalment fil-pjani ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020.

Brussell, 20 ta' Marzu 2013.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Staffan NILSSON

⁽⁴⁾ Opinjoni tal-KESE, "It-Tkabbir Blu: opportunitajiet għal tkabbir sostenibbli fis-settur tal-baħar u dak marittimu", (Ara paġna 87 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).